Onorevoli ___________________________

Bħala ġenituri nixtiequ li nesprimu t-tħassib tagħna fuq ħafna minn dak li qiegħed jiġi propost fil-White Paper *Lejn it-Tisħiħ tal-Qafas Legali għall-Użu responsabbli tal-Kannabis* li ġiet ippublikata reċentament.

Filwaqt li nagħrfu li d-dekriminilizzazzjoni ta' pussess ta' kannabis f'ammonti zgħar kien żvilupp pożittiv, ma nistgħux ma nurux it-tħassib tagħna fuq il-punti msemmija hawn taħt.

- Il-fatt li l-kannabis tista' twassal għal dipendenza speċjalment fl-adolexxenti.
- It-tkabbir tal-kannabis fid-djar jista' jwassal għal tensjoni u disgwid bejn familjari u ġirien.
- L-użu tal-kannabis jista' jwassal għal sitwazzjoni fejn jkollok persuni taħt l-effett tal-kannabis li jkunu f'pożizzjoni ta' responsabbilta' mat-tfal, bħal pereżempju fl-iskola jew fuq it-trasport tal-iskola. Minbarra l-periklu reali li jeżisti f'sitwazzjonijiet bħal dawn, kultura ta' normalizzazzjoni tista' twassal għar-riżultat xejn mixtieq li t-tfal jibdew iqisu l-abbuż ta' sustanzi bħala xi ħaġa aċċettabbli.
- Aħna konxji mill-fatt li bosta professjonisti li jaħdmu fis-settur tas-saħħa mentali u l-abbuż tad-droga kkritikaw bl-aħrax ħafna minn dak li qiegħed jiġi propost fil-White Paper. Biċ-ċert li l-White Paper toħloq ħafna kontradizzjonijiet. Per eżempju, fuq naħa qiegħed jiġi propost li jkun hemm '*edukazzjoni iktar effettiva* [u ħolistika] *dwar il-kannabis*' u fuq in-naħa l-oħra ssib li għandna '*niskoraġġixxu kemm jista' jkun l-użu tal-kannabis f'età daqshekk żgħira.* ' Dawn il-pożizzjonijiet daqstant varji joħolqu dubbji serji dwar l-intenzjoni vera li hemm wara dawn il-proposti.

Bħala ġenituri nippreferu kieku l- policies tal-gvern jindirizzaw iżjed il-ħolqien u l-indukrar ta' ambjent iktar san li jinkoraġġixxi l-isport, il-kultura u l-volontarjat, aktar milli jinbotta l-abbuż tad-droga bħala rikreazzjoni. Aħna nixtiequ nserrħu moħħna li t-tfal tagħna jikbru f'soċjeta' b'saħħitha li tippromwovi is-saħħa fiżika, mentali u soċjali.

Nirringrazzjawk tal-attenzjoni u nisperaw li l-pożizzjoni tagħna tiġi kkunsidrata bis-serjeta'.